MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru 146/2008

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit u
Spettur Keith Arnaud)

vs

Tofigh Farid Foaad Fisal

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur tal-passaport Libjan bin-numru 872846 akkuzat talli:

1. gewwa l-Gzira, nhar id-19 ta' Frar 2008 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00hrs), fi Triq Ponsonby, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Yousef Mohammed Shabani, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Yousef Mohammed Shabani f'periklu car, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Yousef Mohammed Shabani;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill Yousef Mohammed Shabani;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta tkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurtà tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-propjetà (minbarra hsara involontarja fil-propjetà) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew minizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jafferma l-ammisjoni tieghu fl-liema affermazzjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Fuq din l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah hati tal-akkuzi lilu kontestati. Rat l-Artikolu 261(a)(f), 262 (1)(b), 270, 274(c), 275, 276, 277(a), 216, 86 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6 u 55 tal-Kap 480 u tiddeciedi li tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija li izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ser tissospendihom ghall-sentejn mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu tas-sentenza sospiza.

Spjegat lill-imputat l-konsegwenzi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------